## QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

### IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

### Seduta tat-2 ta' Jannar 2001

**Citazzjoni numru 2146/96 GC**

**Planor Limited**

**vs.**

**Chas Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' tlett elef, sitt mija u erba' liri maltin u hamsa w hamsin centezmu (Lm3,604.55) bilanc ta' somma akbar, kif jirrizulta mill-anness statement (Dokument A), prezz ta' madum mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta;

Illi s-socjeta konvenuta debitament interpellata biex thallas l-istess bilanc ta' prezz, anke permezz ta' ittra ufficjali tas-16 ta' Frar, 1996, u ghalkemm ammettiet id-dejn, baqghet inadempjenti,minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fl-opinjoni tas-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghad-domanda tas-socjeta attrici u ghalhekk il-kawza tista tinqata ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi u in vista tal-affidavit ta' Andrew Camilleri u Piu Camilleri (Dok B), din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. tiddeciedi skond it-talba tas-socjeta attrici, bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici Planor Limited, is-somma ta' Lm3,604.55 (tlett elef, sitt mija u erba' liri Maltin u hamsa w hamsin centezmu) dovuta kif fuq spjegat, bl-interessi kummercjali mid-data tal-konsenja, cioe mill-31 ta' Awissu, 1995 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar, 1996 u tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment, kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Illi l-ammont ta' merkanzija konsenjata kien inqas minn dak ordnat;

2. Illi minghajr pregudizzju, il-merkanzija ikkonsenjata lilha ma kienetx tal-kwalita patwita;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju 2000;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' tlett elef, sitt mija u erba' liri maltin u hamsa w hamsin centezmu (Lm3,604.55) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' tiles jew madum mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta. Da parti taghha s-socjeta konvenuta, fin-nota ta' eccezzjonijiet, issostni fl-ewwel lok li l-ammont ta' tiles li gie konsenjat kien inqas minn dak ordnat u fit-tieni lok li t-tiles konsenjati ma kienux tal-kwalita patwita;

Kuntrarjament ghal dak li gie sottomess fl-imsemmija l-ewwel eccezzjoni, rappresentant tas-socjeta konvenuta, fil-kors tad-deposizzjoni tieghu, sostna li s-socjeta attrici kienet ikkonsenjat xi tiles zejda li rrifjutat li tiehu lura. Ghandu jinghad li, fi kwalunkwe kaz, dan li gie allegat minn dan ir-rappresentant tas-socjeta konvenuta, ma jirrizultax sufficjentement pruvat. Ma jistax jigi eskluz li in effett dawn it-tiles zejda kienu gew ordnati mis-socjeta konvenuta. F'dan ir-rigward l-istess rappresentant tas-socjeta konvenuta ikkonferma li wahda mill-pits fil-garage, li kellha tigi miksija bit-tiles, saret b'mod differenti minn kif indikat fil-pjanti li gew konsenjati lis-socjeta attrici sabiex jigi kalkolat il-kejl. Addirittura perit prodott mill-istess socjeta konvenuta jghid li din il-pit ma saritx ghal kollox;

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, r-rappresentant tas-socjeta konvenuta kkonferma li s-socjeta attrici kienet accettat li tissuplixxi tiles ta' "prima kwalita" mentri fil-fatt gew suppliti tiles ta' kwalita' inferjuri. Huwa qal li meta dawn tqeghdu, uhud minnhom kellhom l-abjad taghhom differenti. Huwa qal li kien sar ilment f'dan ir-rigward lir-rapprezentant tas-socjeta attrici li kien ikun fil-post, li skond hu x'aktarx li kien jismu Gorg Saliba. L-istess rappresentant jghid li kien dak li qieghed it-tiles li kien qal li l-istess tiles ma kienux ta' prima kwalita. Fid-dawl tal-provi kollha prodotti lanqas din is-sottomissjoni ma tirrizulta sufficjentement ippruvata. In effett is-socjeta konvenuta naqset li tipproduci lill dak li qieghed it-tiles u li kien allega li l-istess ma kienux tal-kwalita' pattwita. Inoltre l-istess rappresentant tas-sockjeta konvenuta kkonferma li t-tiles li gew konsenjati kienu skond is-samples li fuqhom kienet saret din l-ordni. L-imsemmi George Saliba kkonferma li s-socjeta attrici ssuplit tiles li kienu ta' prima kwalita u ghalhekk tal-kwalita pattwita;

In vista ta' dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu respinti. Minn naha l-ohra t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef, sitt mija u erba' liri maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm3,604.55) bilanc ta' somma akbar prezz ta' madum mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta u dana bl-imghaxxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja, cioe mill-31 ta' Awissu, 1995, sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra is-socjeta konvenuta.